# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 1**
**Rikors numru 623/09 GC**

**Leonard Agius**

**v.**

**Paul u Ludgarda Galea**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Settembru 2016 li kkonfermat sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Lulju 2012;

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tieghu talab illi din il-Qorti thassar din is-sentenza u tordna s-smiegh mill-gdid taghha a bazi tal-Artiklu 811 (h) u (l) tal-Kap. 12;

Rat ir-risposta tal-konvenuti li permezz taghha qalu li din it-talba ghandha tigi michuda;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Lulju 2017 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi trattaw.

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal kawza huma ampjament spjegati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li allura din il-Qorti se tirriproduci fl-intier taghha anke ghall-ahjar intendiment ta' dawn il-proceduri:

> "Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-20 ta' Lulju 2012 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment:
>
> > ""Il-Qorti
> >
> > ""Rat ir-rikors guramentat tal-attur Leonard Agius fejn gie premess:-
> >
> > ""Illi huwa proprjetarju ta' hanut u l-avvjament mieghu liema fond jinstab fi Triq Bajjada, Haz Zabbar numru 57, liema fond kif ukoll l-avvjament kienu mikrija lill-konvenuti konjugi Galea.
> >
> > ""Illi l-kirja originali ma kienitx wahda ta' 'fond battal' izda ta' 'azjenda miexja – hajja'.
> >
> > ""Illi l-esponent mhux qed jaccetta ebda kera minghand l-intimati konvenuti peress li ma hemmx titolu ta' kera.
> >
> > ""Illi di piu, qed jirrizulta wkoll li l-konvenuti m'hux qed jifthu l-fond kif suppost liema haga qed tikkawza wkoll danni ghar-rikorrent.
> > ""Illi stante li l-esponenti ikkongeda lill-konjugi Galea mill-fond de quo, hu avza lill-istess konvenuti bid-danni konsegwenzjali stante li qed jirrifjutaw li jaghtu c-cavetta tal-fond lill-esponent billi qed jibqu jokkupaw l-istess fond minghajr ebda titolu.
> >
> > ""Illi ai finijiet u effett kollha tal-ligi l-esponent anki wasslilhom l-istess kongedo permezz ta' ittra registrata datata 19 ta' Lulju 2007 u dan ai termini tal-ligi.

““Ghalhekk l-attur qed jitlob (1) li jigi dikjarat li issa li ntemmet il-kirja u l-konvenuti qeghdin izommu l-fond minghajr titolu fil-ligi (2) li l-konvenuiti jigu kkundannati biex fi zmien qasir u perentorju jizgumbraw mill-fond de quo u (3)li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur bhala danni dik is-somma li tigi likwidata b'kumpens ghall-okkuppazzjoni tal-hanut minn meta giet terminata sakemm il-hanut jitbattal.

““Bl-ispejjez inkluz ta' ittri bonarji datati 25 ta' Jannar 2007, 19 ta' Lulju 2007, 3 ta' Awissu 2007, 16 ta' Frar 2009, 18 ta' Marzu 2009 li ntbaghtu lill-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

““Rat ir-risposta debitament konfermata bil-gurament tal-konvenuti Paul Galea u Ludgarda Galea fejn gie sottomess:-

> ““1. Illi l-esponenti ghandu titolu validu ta' kera u ilu jgawdi b'dan it-titolu mis-sena 1986 u juza l-fond bhala azjenda tal-mercja.
>
> ““2. Illi di piu l-esponenti qeghdin juzaw din il-propjeta kuljum u ilu jintuza bhala hanut ghal diversi snin.

““Rat l-affidavit tal-attur.

““Semghat lill-konvenut Paul Galea.

““Semghat lix-xhieda prodotti mill-konvenuti.

““Semghat lill-konvenut in kontro-ezami.

““Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

““Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur.

““Rat in-nota ta' osservazzjonijiet addizzjonali tal-attur.

““Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

““Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

““Ikkonsidrat:-

““L-attur Leonard Agius hu proprjetarju tal-fond ossia hanut numru 57 Triq Bajjada, Zabbar. L-imsemmi fond hu mikri lill-konvenuti konjugi Paul Galea u martu Ludgarda Galea. L-attur isostni li l-imsemmi hanut gie mikri lill-konvenuti bl-avvjament tieghu bhala hanut tal-“grocer.” Skont l-attur meta l-hanut gie mikri originarjament lill-awtur tal-konvenuti, diversi snin ilu, l-istess kirja ma kienitx ta' ‘fond battal' izda fi kliem l-istess attur kienet ta' ‘azjenda miexja – hajja.' Jirrizulta li l-attur mhux qed jaccetta l-kera peress li skont l-istess attur ma jesistix titolu ta' kera favur il-konvenuti. L-attur isostni ukoll li l-konvenuti mhux qed jifthu l-fond kif suppost u dan qed jikkawzalu danni.

““L-attur ikompli jsostni li hu kkongeda lill-konvenuti, li pero' qed jirrifjutaw li jirrtornawlu l-fond. Ghal dawn ir-ragunijiet l-attur qed jitlob (1) li jigi dikjarat li l-kirja in kwestjoni tterminat u kwindi li l-konvenuti qeghdin jokkupaw il-fond minghajr titolu fil-ligi (2) li l-konvenuiti jigu kkundannati

biex jizgumbraw mill-fond de quo u (3) li l-kovenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur bhala danni dik is-somma li tigi likwidata bhala kumpens ghall-okkuppazzjoni tal-hanut.

““Il-konvenuti qed jeccepixxu li huma ghandhom titolu validu ta’ kera u ilhom igawdu dan it-titolu mis-sena 1986 u inoltre huma juzaw l-fond bhala azjenda tal-mercja kuljum u dana minn diversi snin lill’hawn.

““L-attur jikkonferma li huwa s-sid tal-hanut in kwestjoni u jenfasizza li dan il-hanut kien u ghadu hanut tal-merca kif gie konfermat mill-Qorti Inferjuri kif ukoll dik Superjuri. L-attur jikkonferma li qabel ma l-fond inkera lil-aventi kawza tal-konvenuti, l-istess fond kien jintuza bhala hanut miz-ziju tal-attur li peress li ommu, cioe’ n-nanna tal-attur, mardet dan iz-ziju kellu jiehu hsieb ommu u kien ghalhekk li l-hanut inkera. L-attur jikkonferma li mill-hanut kien jitqassam r-razzjon u ghalhekk huwa jikkontendi li l-imsemmija kirja kienet effettivamet il-kirja ta’ azjenda “miexja avvjata fin-negozju.” Dejjem skont l-attur il-fond kien wiehed kummercjali u kien avvjat l-aktar ghaliex, kif gia rilevat, seta jigi disrturbit minnu r-razjon.

““Jista jinghad li f’dan l-istadju l-Qorti hi sodisfatta li l-hanut in kwestjoni kien inkera lill-missier il-konvenut bhala hanut li kien jintuza bhala “grocer.” Jirrizulta ukoll li l-hanut in kwestjoni kien inharaq u ghalhekk kellu jinzamm mghaluq ghal certu zmien u kemm dam maghluq il-konvenuti uzaw ghan-negozju taghhom hanut iehor zghir li ghandhom fl-istess triq tal-fond in kwestjoni. Il-konvenuti in effett komplew juzaw il-fond u ghadhom juzaw il-hanut bhala “grocer.”

““Jirrizulta ukol li l-hanut jinfetah mill-konvenuti regolarment ovvjament ad eccezzjoni tal-imsemmi perjodu ta’ meta l-hanut kellu jinzamm maghluq. Skont l-istess konvenut huwa jiftah il-hanut kull jum filghodu u hemm xi granet fejn jiftah ukoll wara nofs in-nhar. F’dawn ic-cirkostanzi zgur li ma jistax jinghad li jirrizulta dak li allega l-attur u cioe’ li l-konvenuti mhux qed jfthu l-hanut. In effett jirrizulta b’mod sufficjenti li l-konvenuti jifthu l-hanut regotarment u qed juzawh ghall-istess skopijiet li originarjament l-istess fond gie mikri lill-avventi kawza taghhom.

““Fir-rigward tal-kwestjoni tal-avvjament ghandu jinghad li ma jirrizultax li saret kitba ta’ lokazzjoni bil-miktub meta l-hanut l-ewwel inghata b’lokazzjoni lill-missier il-konvenut. F’dan ir-rigward li ghandu jigi deciz hu jekk il-lokazzjoni in kwestjoni kinitx lokazzjoni ta’ hanut jew jekk kinitx kirja ta’ avvjament ta’ hanut kif qed isostni l-attur.

““Hu probabli li kieku l-intenzjoni tal-partijiet kienet li jinkera l-avvjament tal-hanut din il-kirja kienet issir bil-miktub sabiex jigu regolati b’mod car il-varji kondizzjonijiet ta’ kirja tal-avvjament. Ma giet prodotta l-ebda prova dwar f’isem min kienu l-permessi tal-hanut meta dan inkera. Il-probabilita’ hi li l-permessi kienu fisem il-familjari tal-attur qabel ma saret il-lokazzjoni u li wara li saret l-istess kirja l-istess permessi nqalbu f’isem il-konvenuti jew f’isem l-aventi kawza tal-konveniti. Lanqas ma jirrizulta jekk qabel ma saret il-lokazzjoni l-hanut kienx inzamm mghaluq ghal xi perijodu. Ghalhekk ma jistax jinghad jekk il-hanut baqax jinzamm miftuh u jekk qabel il-kirja l-istess hanut kienx ghadu avvjat.

““L-attur jaghmel enfasi specjali li mill-hanut, fiz-zmien li kien gestit mill-familjari tieghu, kien jitqassam ir-‘ration’ jew ir-razzjon. L-attur jikkontendi

li in effett il-kirja kienet tal-avvjament proprju minhabba dan il-fatt tar-razzjon. Ma jirrizultax li l-familjari tal-konvenut krew il-hanut specifikatament minhabba li mill-hanut seta jitqassam ir-razzjon. Barra minn hekk l-imsemmija sistema tat-tqassim tar-razzjon ilha li spiccat u jidher li l-konvenuti koplew igestixxu l-hanut b'mod normali anke wara li spiccat l-istess sistema.. In vista ta' dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti hi tal-fehma li l-kirja in kwestjoni hi kirja ta fond kummercjali cioe ta 'hanut' kif definit fil-Kap.69 tal-Ligijiet ta' Malta. Hu zgur li fil-periodu ta' rilokazzjoni s-sistema tat-tqassim tal-ikel bir-razzjon kienet spiccat u l-partijiet konsapevolment komplew fil-kirja u ghalhekk jista jinghad li z-zewg nahat accettaw il-kondizzjonijiet kollha tal-kirja, inkluzi dawk li setghu jigu definiti bhala kondizzjonijiet 'godda.'

""Fid-dawl ta' dak kollu li gie premess it-talbiet kollha tal-attur jimmeritaw li jigu rigettati. In effett jirrizulta sufficjentement li l-konvenuti ghandhom titolu validu ta' kera u li huma qed juzaw l-fond ghall-istess skopijiet li ghalihom il-fond gie mikri. Kwindi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti jisthoqqilhom li jigu akkolti.

""Ghal dawn il-motivi:-

""Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha tal-attur.

""L-ispejjez jithallsu mill-attur."

"Rat ir-rikors tal-appell tal-attur fejn talab li din il-Qorti tirrevoka u tbiddel is-sentenza msemmija billi tilqa' t-talbiet tieghu;

"Rat ir-risposta tal-konvenuti li permezz taghha fil-waqt li opponew ghat-talbiet tal-appellanti, talbu li s-sentenza tigi konfermata;

"Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju 2016 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi trattaw l-appell;

"Ikkonsidrat:

**"L-AGGRAVJI TAL-APPELLANTI**

**"L-aggravju tal-appellant** huwa essenzjalment wiehed u cioe` li skont ir-rikors tal-appell tieghu, l-ewwel Qorti ibbazat id-decizjoni taghha fuq il-konkluzjoni taghha illi kif qalet fis-sentenza taghha, "hu probabbli li kieku l-intenzjoni tal-partijiet kienet li jinkera l-avvjament tal-hanut, din il-kirja kienet issir bil-miktub ... lanqas jirrizulta jekk qabel ma saret il-lokazzjoni il-hanut kienx inzamm maghluq ghal xi perjodu. Ghalhekk ma jistax jinghad jekk il-hanut baqax jinzamm miftuh u jekk qabel il-kirja kienx ghadu avvjat". Minn dan il-bran l-appellant imbaghad silet diversi punti li trattahom wiehed wiehed.

"L-ewwelnett jghid li qabel l-introduzzjoni tal-Att numru X tas-sena 2009 ma kienx necessarju li lokazzjoni ssir bil-miktub. Dan huwa minnu izda mkien fis-sentenza taghha l-Qorti ma qalet li kien necessarju li dan isir;

qalet biss illi x'aktarx il-partijiet kienu jikkuntrattaw il-kirja bil-miktub kieku kien hemm l-intenzjoni li jinkera l-avvjament u mhux semplicement il-fond biex jintuza bhala hanut.

"Fil-punti indikati bhala (ii) sa (iv) l-appellant jiccita numru ta' sentenzi dwar it-tifsira tal-kelma "avvjament" bhala distinta minn kirja ta' "bare premises". Dawn is-sentenzi pero` jkollhom biss sinjifikat u jkunu ta' ghajnuna ghal soluzzjoni ta' din il-kawza, jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-kirja kienet ta' azjenda jew tal-avvjament u allura l-Qorti se tghaddi biex tezamina l-ewwel jekk dan huwiex il-kaz.

"L-ewwel u qabel kollox l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li a bazi tal-provi li semghet, il-fond in kwistjoni kien inkera bhala hanut izda l-kirja ma kenitx tal-avvjament jew ta' azjenda fis-sens legali; infatti cahdet it-talbiet tal-attur ghaliex fil-fehma taghha l-appellati ghandhom titolu validu ta' lokazzjoni u "*baqghu juzaw il-fond ghall-istess skopijiet li gie mikri*". Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti fil-prattika jsostni li ma sarx apprezzament tajjeb mill-ewwel Qorti tal-provi migbura quddiemha. Ghalhekk tajjeb jinghad mill-ewwel li ghal appuntu dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor".*

"Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil,** Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001; madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza ukoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". (**Attard et v. Direttur tas-Sahha**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).

Din il-Qorti kif doveruz, ezaminat l-atti u fliet sewwa il-provi li ngabru u jidhrilha li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni gusta fl-evalwazzjoni tal-provi li semghet. Certament ma rrizultawx lil din il-Qorti *ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubbju ragonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti* (**Formosa v. Debono** – supra). L-appellant jiccita kif inghad, f'diversi sentenzi – per ezempju **Schembri v. Galea** (Appell Inferjuri 12 ta' Frar 1996) u **Gatt v. Micallef**, (Prim'Awla 6 ta' Gunju 2002), izda fiz-zewg kazijiet, il-partijiet kienu ftehmu permezz ta' skrittura fejn indikaw kjarament li qed tinkera "azjenda".

"Il-Qorti taqbel perfettament mal-ewwel Qorti li l-kirja saret ghar-rigward tal-hanut in kwistjoni biex jibqa' jintuza bhala "grocer" izda ma tirrizulta minn imkien l-intenzjoni li jinkera l-avvjament jew tinkera l-azjenda "ut sic". Ghalhekk sewwa qalet l-ewwel Qorti li l-kirja hija ta' "hanut" kif definit mill-Kapitolu 69.

"Din il-Qorti zzid ukoll li taqbel ma' dak li ddecidiet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Edwige Camilleri et v. Victor Buttigieg** (24 ta' Novembru 2003) meta qalet hekk;

""*Intqal ukoll illi l-enuncjazzjoni generika tal-principju li eskludiet mill-protezzjoni tal-ligi specjali certi lokazzjonijiet ghandha tinzamm fil-limiti gusti taghha "biex ma tigix michuda bla bzonn il-protezzjoni moghtija mil-ligi specjali ghal kirjiet li ghalihom ghandu jitqies li l-ligi tapplika. Ovvjament mhux kull meta ssir kirja ta' fond gia uzat bhala hanut, talvolta anki b'xi ghamara fih u b'xi licenzja tal-pulizija fuqu, ghandu bil-fors jinghad illi si tratta ta' twellija ta' "azjenda kummercjali" – "**Carmelo Mallia –vs- Giovanni Falzon**", Appell Kummercjali, 17 ta' Mejju 1968. Opportunement ghalhekk, kif issokta jigi ribadit fid-decizjoni appena referenzjata, "f'kull kaz wiehed ghandu jhares lejn dak li kien, fil-kontemplazzjoni tal-partijiet, l-oggett veru u sostanzjali tal-kuntratt: jekk hux cioe` l-bini fih innifsu bhala lokal inkella principalment l-azjenda kummercjali bhala tali gestita fih*."

**"DECIZJONI**

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma interament is-sentenza appellata.

"L-ispejjez tal-appell ukoll jithallsu mill-appellant."

Il-Qorti ghalhekk trid tinvestiga l-ewwel jekk tiskontrax applikazzjoni hazina tal-ligi jew li kien hemm zball li kien determinanti ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell ai termini tal-Artiklu 811 (l) u (h) tal-Kodici tal-Procedura Civili fuq imsemmi. Dawn is-sub incizi jippermettu li kawza terga tinstema' mill-gdid jekk:

"(h) jekk is-sentenza tkun kuntrarja għal sentenza oħra ta' qabel, deċiża bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oġġett, u li għaddiet f'ġudikat, basta li l-eċċezzjoni ta' res judicata ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża.

"... ...

"(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

"illi jitqies li jkun hemm dak l-izball fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza jew fuq is-supposizzjoni li ma jkunx jezisti xi fatt li l-verita' tieghu tkun stabbilita posittivament basta li, fil-kaz wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx fatt kontestat li gie deciz bis-sentenza."

**Dwar iz-Zewg Lanjanzi**

Il-Qrati taghna ghamluha cara illi:

*"Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lumeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut; bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jiggernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza.*" (**Rev. Don Giuseppe Aquilina v. Francesco Aquilina, Appell Civili, 18 ta' April 1958**).

Din il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Dottor Austin Bencini nomine v. Dottor Remigio Zammit Pace et** deciza fl-20 ta' Frar 1996 qalet fost affarijiet ohra:

"Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga ghal principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan independentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita' jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massina **res judicata pro veritate habetur**. F'dan il-kuntest tista ssir riferenza ghas-sentenza riportata fil-**Kollezzjoni Volum XXV-I-137** fejn tant tajjeb gie sottolinejat li r-rimedju tar-ritrattazjoni;

*"Non si da' per qualunque caso di vera o supposta ingustizia, di vero i supposto errore di fatto, ma solo in quei casi tassattivamente stabbiliti dala legge dovendo in ogni caso prevalere la stabbilita' dell' giudicato che sola puo mettere fine alle liti, poiche' l' autorita' della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile.*

"Minn dan ... titnissel il-konsegwenza logika li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (**Vol. XXVII-I-818**). Diversament taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jista' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament johloq ghalih tribuna tat-tielet istanza, (**Vol. XLII-I-227**) li mhix permessa mill-ligi."

L-ewwel lanjanza tar-ritrattandi hija li l-Qorti tal-Appell ma kinitx korretta meta qalet li biex ikun hemm lokazzjoni ta' avvjament kien hemm bzonn ta' skrittura peress li skont l-istess ritrattandi, qabel l-introduzzjoni tal-Att numru X tal-2009 dan ma kienx rikjest. Ghalhekk qed jirreklama li hemm l-estremi tas-sub-inciz (l) biex il-kawza tinstema' mill-gdid.

Kif gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament komposta) tas-7 ta' Ottubru, 1996 fil-kawza fl-ismijiet **Charles Farrugia v. Benny Schembri** (u dan fuq l-iskorta ta' sentenzi ohra u ta' awturi) biex ikun hemm l-izball ravvizat fil-paragrafu (l) tal-Art. 811 hu mehtieg li:

> "i. L-izball […] ikun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;
>
> "ii. L-izball irid jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza u ghalhekk hija inassolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball […];
>
> "iii. Illi l-istess zball ikun manifest, tali cioe` li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament minn semplici inavvertenza tal-gudikant […]"

Ghar-rigward tat-talba bazata fuq zball ta' fatt intqal fil-kawza **Mifsud v. Zahra** deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Gunju, 1954 (Vol. XXXVIII.I.323), illi mill-ezami tal-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi jirrizulta illi, biex l-izball ta' fatt jaghti kawza ghar-revokazzjoni tas-sentenza, jehtieg, kif jikteb Mattirolo – *"(1) Illi l-izball ikun zball materjali ta' fatt, u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni; (2) Illi l-izball jirrizulta mill-atti u*

*dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammessibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball; (3) Illi l-istess zball ikun manifest, tali, cioe`, li jimergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u d-dokumenti tal-kawza; b'mod li jkun jidher prodott eskluzivament mis-semplici inavertenza tal-gudikant; (4) Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni, jigifieri illi s-sentenza, vizjata b'dak l-izball, ma tistax tigi sorretta minn xi ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata; u (5) Illi l-ezistenza jew inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet, u li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat ruhha."*

Inoltre, inkwantu ghall-kelma "ibbazata", *"fl-espressjoni uzata mil-legislatur '… d-decizjoni tkun ibbazata fuq supposizzjonijiet ta' xi fatt…' neccessarjament tfisser li dak l-izball ikun iddetermina d-decizjoni impunjata, ossia jkun zball deciziv, b'tali mod li s-sentenza "ivvizjata" b'dak l-izball ma tkunx tista' tigi sanata minn xi ragunamenti ohra indipendenti minn dik zbaljata*". (**Salvino Testaferrata Moroni Viani et v. David Vella nomine, Appell, 24 ta' Settembru 2004**).

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti ma qalitx kif qed jinsisti r-ritrattand li kien hemm xi rekwizit legali li kellu jkun hemm skrittura biex issir lokazzjoni ta' avvjament; il-Qorti qalet biss li fis-sentenzi ccitati mill-appellant fir-

rikors tieghu tal-appell, **(Schembri v. Galea u Gatt v. Micallef)** kien hemm tali skrittura. Allura f'dawk il-kazi l-Qorti setghet tirreferi ghal dik l-iskrittura u kkonkludiet li kien hemm lokazzjoni ta' avvjament mentri fil-kaz in ezami, in mankanza ta' skrittura simili fost affarijiet ohra, ma rriskontratx l-ezistenza ta' lokazzjoni simili. Ghalhekk mhux talli r-rikorrenti mhux korrett fl-asserzjoni tieghu msemmija izda din l-osservazzjoni tal-Qorti ma kinitx wahedha decisiva ghas-sentenza taghha.

Din il-lanjanza hija allura respinta.

Kwantu ghal lanjanza taht is-sub-inciz (h), ma jirrizultax illi s-sentenza attakkata marret kontra l-kontenut ta' xi sentenza ohra. Il-kawza fl-ismijiet inversi deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-2007, ir-ritrattati odjerni kienu talbu li l-Qorti tordna lill-parti l-ohra biex jirrilaxxalhom ircevuta ghal hlas tal-kera minghajr ma jzid mal-kliem miktub il-frazi 'mikri bhala hanut tal-merca'. Il-Qorti cahdet dik it-talba u qalet li l-istess ritrattati ma setghux jaghmlu uzu mill-istess fond ghal skop differenti minn dak mikri lilhom u cioe` hanut tal-merca. Ghalhekk is-sentenza attakkata fil-fatt ikkonfermat dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha msemmija meta cahdet it-talba ghal izgombrament meta dik it-talba kienet ibbazata fuq l-allegazzjoni tar-ritrattand illi l-fond kien gie lokat bhala azjenda avvjata – liema

allegazzjoni ma rrizultatx lil din il-Qorti, kif gia` ma rrizultatx lill-Prim'Awla.

Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Dottor Emanuel Cefai v. Guido Vella (27 ta' Marzu 2003)** *"Kieku r-ritrattand ha pacenzja u qara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell sa l-ahhar kien jiskopri wkoll x'kienu l-konsiderazzjonijiet ta' dik il-Qorti biex waslet ghas-sentenza taghha. Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn toqghod tirrepeti mill-gdid dak li hemm fiha. Fl-ahhar nett tajjeb li jigi ribadit hawn li l-kontradizzjoni trid tirrizulta fid-dispozittiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet"* (hekk ara sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Busuttil v. Mary Gauci et *(Koll. Vol. LXXX-11-188).***

Kwindi anke din il-lanjanza hija respinta.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tichad it-talba tal-konvenuti ritrattandi ghat-thassir tas-sentenza moghtija minnha fit-30 ta' Settembru 2016; l-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu wkoll tar-ritrattandi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld